**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Hamis 12 ta' Marzu 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 11

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 11 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
11.5 Rapporti;
11.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
11.7 Evalwazzjoni dwar Ġieħ il-Qrendi 2020;
11.8 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2020;
11.9 Aġġornamnet dwar l-immanniġġjar tat-Traffiku fi Triq San Mattew;
11.10 Approvazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – CBRW 49/20 - Ġbir ta' Skart Goff u WEEE mil-Lokalità tal-Qrendi bl-użu ta' Vetturi b'Emissjonijiet Baxxi.
11.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
11.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-11-il Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu 2020 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (online) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

*Importanti ninnutaw li għal din il-laqgħa, is-Sindku David Schembri u s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon biss kienu fiżikament preżenti fil-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja, flimkien mal-Kunsillieri Marion Parnis, Charles Zerafa u Daniel Farrugia, u l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri ħadu sehem fil-laqgħa permezz ta' video conferencing. Dan sar minħabba l-pandemija tal-Covid-19 li ħakmet lil Malta u lid-dinja fl-aħħar xhur.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

11.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

11.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija x'tinqara.

11.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

11.2.1 Il-Minuti tad-9 u l-10 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsilliera Marion Parnis.

11.2.1.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 11.3, 11.4 u 11.5 jiġu diskussi wara Minuta 11.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

11.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

11.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol fuq iċ-Ċentru Ċiviku miexi ġmielu. Ta' kuljum qiegħed ikun hemm bejn sitta u seba' ħaddiema.

11.6.2 Spjega kif fl-aħħar jiem sar pagament ieħor lill-kumpanija Linda Redna Tekne wara li rċevejna l-Performance Guarantee mingħand l-istess kumpanija.

11.6.3 Kompla li wara diskussjoni mal-Perit Henry Attard, hu jinsab sodisfatt li x-xogħol kif inhu miexi sejjer tajjeb u sal-aħħar ta' Marzu qed jippjanaw

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

li x-xogħol fl-ewwel sular ikun lest.

## 11.7 EVALWAZZJONI DWAR ĠIEĦ IL-QRENDI 2020

11.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li jħoss li morna tajjeb ħafna.

11.7.2 Qal li kulħadd ħa gost bl-unuri li rċieva, kemm min rebaħ Ġieħ il-Qrendi u anke min ingħata Onorifiċenza jew oħra.

## 11.8 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2020

11.8.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li bħalissa kollox jinsab on-hold u s-sotto-kumitat ser jistenna d-data tat-2 t'April li ġej qabel tittieħed deċiżjoni finali.

11.8.2 Is-Sindku David Schembri wieġeb li dan huwa pass għaqli fil-mument li għaddej minnu l-pajjiż bħalissa.

11.8.3 Il-Viċi Sindku qal li l-Festival kważi magħluq għalkollox, imma ser nistennew sa dik id-data biex ma ngħaġġlux fid-deċiżjonijiet tagħna.

## 11.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ SAN MATTEW

11.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali rċieva petizzjoni online dwar Triq San Mattew, fil-parti inti u tielgħa lejn il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja.

11.9.2 Qal li t-talba hi sabiex isiru sleeping policemen, kemm fi Triq San Mattew u anke probabbli fi Triq Haġar Qim.

11.9.3 Spjega kif għadna rridu naraw kif ser nagħmlu, minħabba li l-probabbilità hi li min ikun ġej mid-direzzjoni ta' Haġar Qim lejn il-Qrendi qiegħed jinżel b'veloċità eċċessiva.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

11.9.4 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li l-periklu qiegħed ikun meta min tielgħa min-naħa ta' Misraħ il-Maqluba jagħfas aktar il-gass minħabba li tkun ġejja t-telgħa, filwaqt li min ikun ġej minn Triq Ħaġar Qim ikun ġej b'veloċità b'saħħitha qabel ma' jaqbad il-bini.

11.9.5 Ippropona jekk huwiex possibbli li ssir tip ta' central strip, simili kif hemm fi Triq Ħaġar Qim maġenb il-Kappella tal-Grazzja, fil-bidu ta' Triq San Mattew kantuniera ma' Misraħ il-Maqluba.

11.9.6 Is-Sindku ppropona li għalissa nagħmlu s-sinjali mal-art u naraw kif immorru bihom, imbagħad nipproċedu minn hemm.

11.9.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li tkun ideali li jsir central line, imbagħad naraw jekk is-sewwieqa jkunux qed jobdu s-sinjali.

11.9.8 Din il-materja ser tkompli tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 11.10 APPROVAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CBRW 49/20 – ĠBIR TA' SKART GOFF U WEEE MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI BL-UŻU TA' VETTURI B'EMISSJONIJIET BAXXI

11.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li b'kollox kien hemm żewġ offerti, waħda ta' €2.80 u l-oħra ta' €7.

11.10.2 Qal li t-talba fis-sejħa għall-offerti kienet li l-prezz huwa għal kull 'sejħa,' li fiha jinġabru sa massimu t'erba' (4) oġġetti minn dar waħda.

11.10.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa ppropona li għandna naċċettaw ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondat.

11.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 11.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

11.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar stedina għall-parteċipazzjoni fl-applikazzjoni Smart Villages tal-EARDF.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

11.3.1.1 Qal li jekk kemm–il darba l-proġett jintgħażel, iridu jintgħażlu seba' lokalitajiet madwar l-Unjoni Ewropea.

11.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 3 tal-GAL Xlokk u qal li fadlilna ndaħħlu xi informazzjoni addizjonali, imma din għandha tiddaħħal fil-ġranet li ġejjin.

11.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 4 tal-GAL Xlokk u qal li din ser tagħlaq fil-jiem li ġejjin.

11.3.3.1 Qal li ser napplikaw sabiex nirranġaw kannizzata fil-Ġnien tal-Kmand, isiru xi bankijiet madwar il-lokalità kif ukoll isiru xi planters fi Triq il-Panorama.

11.3.3.2 Spjega li jekk ma ndaħħlux l-applikazzjoni matul dan ix-xahar, indaħħluha f'Mejju li ġej.

## 11.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

11.4.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar il-flus li kellna nieħdu mingħand l-LC Care dwar il-ħarsien tal-annimali.

11.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li ntlabna informazzjoni li qegħdin niġbruha u li ser ngħadduha kif ikollna kollox f'idejna.

11.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar id-doggy bins addizzjonali li jistgħu jsiru fil-Qrendi biex tiċċekkja xi żviluppi kien hemm.

11.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li ser niddiskutu din il-materja fil-ġimgħat li ġejjin.

11.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar double yellow line fi Triq is-Salvatur.

11.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li t-talba li jsir double yellow line ma' koxxa ta' garaxx tista' tintlaqa', u ser isir metru kif mitlub.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 11.5 RAPPORTI

11.5.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa rrapporta li fl-24 ta' Frar, għall-ewwel darba ltaqa' uffiċjalment il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ flimkien mas-Sindku David Schembri u s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

11.5.2 Qal li kien hemm spjegazzjoni mis-Sindku, minnu stess u mis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-operat tal-Kunsill Lokali u x'inhu mistenni mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

11.5.3 Qal li minħabba kif żvolġew l-affarijiet b'relazzjoni mal-imxija tal-Covid-19, il-ħidma tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ hija temporarjament sospiża.

## 11.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

11.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €60,935.76 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 03/20 u €146.86 skont il-*Petty Cash* Ref X/02.

11.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

11.11.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis u l-Kunsillier Charles Zerafa ssekondaw din il-proposta.

11.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 11.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 22 t'April fil-5:30pm.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| ____________________ | _________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |